MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Numru. 383/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE MICALLEF**
**VS**
**CLAUDE PARIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Claude Paris ta’ 33 sena, bin Joseph u Maria nee’ Cassar Galea, mwieled Santa Venera nhar l- 14 ta’ Awwissu 1978, residenti Villa Cupola, Triq il- Pedidalwett, Madliena u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 386578M;

Talli ;

1) fix- xahar ta’ Ottubru 2011 u fis- snin ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer b’ diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, fil- kapacita’

tieghu personali kif ukoll bhala Direttur tal- Kumpanija C&C Caterers Ltd, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib meighu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' ma hallasx lid- Dipartiment tal- VAT is-somma totali ta' €26,126.32;

2) aktar talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' senetenzi moghtija lilu mill- Qrati ta' Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

Rat ukoll illi l-imputat lahaq ftehim mad-Dipartiment tal-VAT fuq skema mahruga mill-istess Dipartiment ghall-hlas tal-ammont dovut;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza tittratta nuqqas ta' hlas lid-Dipartiment tal-VAT fuq perijodu ta' hames snin, bejn Lulju 2005 u Awwissu 2010. L-imputat f'dak iz-zmien kien direttur ta' kumpannija, u naqas milli jeffettwa hlas tal-VAT ghal dak iz-zmien. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat lahaq ftehim mad-Dipartiment biex ihallas dan l-ammont ta'

taxxa dovuta minnu, liema ftehim intlahaq a bazi ta' skema li l-istess Dipartiment hareg f'dawn l-ahhar xhur. Jidher ghalhekk li gia' hemm modalita' ta' hlas li huwa in vigore bejn il-partijiet, u l-Qorti ma tarax li ghandha tipprovdi ghall-hlas ta' taxxa f'din is-sentenza.

Bis-sahha tal-ammissjoni tieghu, ghalhekk, din il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Kwantu ghal piena, il-Qorti rat illi l-imputat kien gia' ammetta n-nuqqasijiet tieghu fl-istqarrija li kien irrilaxxja fid-19 ta' Dicembru 2011. Ghalkemm l-imputat huwa recidiv, ir-reati li kien instab hati taghhom fil-passat kienu jikkonsistu f'multi kontravenzjonali, u ghalhekk il-Qorti m'hix ser toghla bi grad fil-piena taghha. Anzi, in vista li l-ammont ta' taxxa dovuta lill-VAT huwa kopert mill-ftehim milhuq, u in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-piena sejra tkun ta' sanzjoni fil-komunita'. L-iskop ewlieni ta' dawn il-proceduri huwa li l-awtorita' tigbor it-taxxa dovuta lilha bil-ligi, u jidher li dan l-iskop intlahaq. Il-Qorti ma tarax il-htiega li taghti piena li b'xi mod tiddisturba l-possibilita' ta' hlas tat-taxxa dovuta, billi taltera l-ftehim jew taghti piena karcerarja minhabba r-recidiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------